**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**SEDUTA NRU 239**

It-Tlieta, 7 ta' Mejju 2024

Il-Kamra tad-Deputati ltaqgħet fis-Sala tal-Parlament, il-Belt Valletta fl-4.00 p.m.

L-Ispeaker l-Onor. Anġlu Farrugia ppreseda.

**PREŻENTI**

L-Onor. Chris Said kien imsiefer fuq xogħol parlamentari.

Is-Segretarju Parlamentari għar-Riformi u l-Ugwaljanza l-Onor. Rebecca Buttigieg, l-Onor. Naomi Cachia u l-Onor. Abigail Camilleri kienu skużati.

L-Onor. Stephen Spiteri kien assenti.

**TALBA**

L-Iskrivan tal-Kamra qalet it-talba.

**MINUTI**

Il-Minuti tas-Seduta Nru 238 li saret fis-6 ta' Mejju 2024 kienu kkonfermati.

**MISTOQSIJIET**

Mistoqsijiet ġew magħmula u mogħtija tweġiba orali.

Fl-4.30 p.m. l-aħħar mistoqsija kienet numru 17487 u l-mistoqsijiet l-oħra kollha li dehru fuq l-aġenda ngħataw tweġiba bil miktub.

**TQEGĦID TA' KARTI**

Il-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal, l-Onor. Michael Falzon, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 3646 Tabella li turi t-total ta' Kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali li tħallsu sena b'sena għas-snin bejn l-2012 u l-2022, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 18948.

Il-Ministru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u Proġetti Strateġiċi, l-Onor. Silvio Schembri, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 3647 Tabella li turi tagħrif dwar in-nefqa fuq artikli u opinjonijiet fuq gazzetti mid-dekasteru li għalih hu responsabbli l-Ministru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u Proġetti Strateġiċi fil-perjodu bejn Jannar u Marzu 2024, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 17899.

Il-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, u x-Xogħol, l-Onor. Byron Camilleri, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 3648 Tagħrif dwar in-numru ta' serqiet li ġew irrapportati fil-lokalità ta' San Pawl il-Baħar għas-snin bejn l-2020 u l-2023, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 18825;

P.L. 3649 Tagħrif dwar in-numru ta' serqiet li ġew irrapportati fil-lokalità taL-Mellieħa għas-snin bejn l-2020 u l-2023, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 18826;

f'isem id-Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Fondi Ewropej, Ugwaljanza, ir-Riformi u Djalogu Soċjali qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 3650 Avviż Legali Nru 108 tal-2024 – Regolamenti tal-2024 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Aġenziji tal-Impjieg;

P.L. 3651 Avviż Legali Nru 109 tal-2024 – Regolamenti tal-2024 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Aġenziji tal-Impjieg (Emenda Nru 2);

f'isem il-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali, l-Onor. Owen Bonnici, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 3652 Tabella li turi n-nefqa għall-ġbir tal-iskart domestiku (Tipping fees) maqsuma skont il-kunsill lokali għas-snin bejn l-2019 u l-2023, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 18858;

f'isem il-Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 3653 Rapport Annwali u stqarrijiet finanzjarji tal-Awtorità tad-Djar għas-sena 2023;

P.L. 3654 Estimi finanzjarji tal-Awtorità tad-Djar għas-sena 2024;

f'isem il-Ministru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 3655 Avviż Nru 109 datat 7 ta' Ottubru 2022 għall-offerta ta' Kiri ta' Raba' relatati mal-art (P.D. 2022_0101) għall-skop ta' agrikultura ta' Sit f'Ħas Saptan, Ħal Għaxaq maħruġ mill-Awtorità tal-Artijiet flimkien mal-Kundizzjonijiet, Specimen Bid-Bond in Favour of the Chief Executive Officer, Applikazzjoni għad-Dritt tal-Ewwel Rifjut, Site Plan ta' Ħas Saptan, Ħal Għaxaq datata 7 ta' Frar 2022, Ċertifikat tal-Impriża Agrikola, Dokument maħruġ mill-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali (ARPA) datat 9 ta' Frar 2022, Data Privacy Notice maħruġ mil-Lands Authority u dokument ta' skrittura (File Nru E/0026/2002/I/0010) tal-Awtorità tal-Artijiet għall-kiri ta' post tal-Gvern datat 6 ta' Diċembru 2022, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 18857; u

f'isem il-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 3656 Dettalji ta' vetturi bil-pjanċi li jispiċċaw bl-ittri "GY" u "LY" maqsuma skont il-Liċenzja tal-Operatur, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 18892.

Il-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir, l-Onor. Miriam Dalli, qiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 3657 Estimi finanzjarji tal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi (ERA) għas-sena 2024; u

P.L. 3658 Rapport annwali u stqarrijiet finanzjarji tal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi (ERA) għas-sena 2023.

Il-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni, l-Onor. Jonathan Attard, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 3659 Tagħrif dwar clearances tal-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni (BCA), li jaqgħu taħt Regolament 4 u Regolament 6, li baqgħu pendenti u clearances maħruġa matul il-perjodu bejn l-2022 u April 2024, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 18856; u

f'isem il-Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 3660 Tabella li turi tagħrif dwar in-nefqa fuq artikli u opinjonijiet fuq gazzetti mid-dekasteru li għalih hu responsabbli l-Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika fil-perjodu bejn Jannar u Marzu 2024, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 17903 ***(Ara dokument Nru. 3744 li tpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra f'Seduta 243 tal-Erbgħa, 15 ta' Mejju 2024)***; u

P.L. 3661 Lista ta' stabbilimenti li għandhom liċenzja ta' lukanda f'Malta u f'Għawdex, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 19048.

**KUMITATI PERMANENTI**

Il-President tal-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi, l-Onor. Darren Carabott, ippreżenta l-Minuti kkonfermati tal-laqgħat minn Nru 17 sa Nru 52 tal-istess Kumitat li nżammu bejn l-14 ta' Diċembru 2022 u t-30 ta' April 2024.

**PERMESS TAL-KAMRA**

Bil-permess tal-Kamra, il-Kamra qablet li titressaq mozzjoni mingħajr avviż.

**MOZZJONIJIET**

**ABBOZZ TA' LIĠI DWAR IS-SAĦĦA U S-SIGURTÀ FUQ IL-POST TAX-XOGĦOL - MOZZJONI 252**

Il-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni, l-Onor. Jonathan Attard, ippropona l-Ewwel Qari tal-Abbozz ta' Liġi dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol.

Il-Ministru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u Proġetti Strateġiċi, l-Onor. Silvio Schembri, issekonda.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con. u l-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol" inqara l-ewwel darba.

**ORDNIJIET TAL-ĠURNATA**

L-Iskrivan tal-Kamra qrat l-Ordnijiet tal-Ġurnata.

**1. ABBOZZ TA' LIĠI FUQ AZZJONI DWAR IL-KLIMA – ABBOZZ NRU 89**

Il-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir, l-Onor. Miriam Dalli, ipproponiet it-Tielet Qari tal-Abbozz ta' Liġi Abbozz ta' Liġi fuq Azzjoni dwar il-Klima.

Il-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, u x-Xogħol, l-Onor. Byron Camilleri, issekonda.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con. u l-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att sabiex jiġi stabbilit qafas legali għall-azzjoni klimatika u biex jiġi pprovdut l-istabbiliment ta' korp ġuridiku li għandu jkun magħruf bħala l-Awtorità għall-Azzjoni dwar il-Klima u sabiex jipprovdi dwar kwalunkwe materja konnessa jew ancillari għalih" inqara t-tielet darba u għadda.

**2. ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA L-ATT DWAR IL-PROTEZZJONI TAL-AMBJENT – ABBOZZ NRU 90**

Il-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir, l-Onor. Miriam Dalli, ipproponiet it-Tielet Qari tal-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent.

Il-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, u x-Xogħol, l-Onor. Byron Camilleri, issekonda.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con. u l-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att sabiex jemenda l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent, Kap. 549, u sabiex jipprovdi dwar ħwejjeġ oħra li għandhom x'jaqsmu magħhom jew huma anċillari għalihom" inqara t-tielet darba u għadda.

**3. ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA L-ATT DWAR L-AWTORITÀ TAL-INNOVAZZJONI DIĠITALI TA' MALTA – ABBOZZ NRU 95**

Il-Kamra rriżumiet mis-6 ta' Mejju 2024 id-diskussjoni fuq it-Tieni Qari tal-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar l-Awtorità tal-Innovazzjoni Diġitali ta' Malta.

Fid-diskussjoni ħadu sehem l-Onor. Miriam Dalli, l-Onor. Ivan J. Bartolo, l-Onor. Jerome Caruana Cilia, l-Onor. Jo Etienne Abela, l-Onor. Ray Abela, l-Onor. Malcolm Paul Agius Galea u l-Onor. Silvio Schembri.

Bil-permess tal-Kamra, l-Onor. Jerome Caruana Cilia, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 3662 Artiklu li deher fuq is-sit *timesofmalta.com* fid-19 ta' Settembru 2023, bl-isem 'Skills gap holds two-thirds of Maltese companies back, EU poll shows'.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con. u l-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att sabiex jemenda l-Att dwar l-Awtorità tal-Innovazzjoni Diġitali ta' Malta, Kap. 591 u sabiex jipprovdi għal materji oħra anċillari jew konsegwenzjali għalih" inqara t-tieni darba.

Il-Ministru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u Proġetti Strateġiċi, l-Onor. Silvio Schembri, talab il-permess sabiex iressaq mozzjoni ħalli l-istadju ta' kumitat ta' dan l-Abbozz ta' Liġi, minkejja li kien jirrikjedi l-Messaġġ tal-President, jiġi ttrattat fil-Kumitat Permanenti għall-Konsiderazzjoni ta' Abbozzi ta' Liġi.

Il-permess ingħata.

Il-Ministru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u Proġetti Strateġiċi ppropona li dan l-Abbozz ta' Liġi jiġi ttrattat mill-Kumitat Permanenti għall-Konsiderazzjoni ta' Abbozzi ta' Liġi.

L-Onor. Davina Sammut Hili ssekondat.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con.

Fis-6.29 p.m. il-Kamra qablet li l-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol ikun dak il-ħin u li jitressaq l-aġġornament.

**AĠĠORNAMENT**

Il-Ministru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u Proġetti Strateġiċi l-Onor. Silvio Schembri informa lill-Kamra li kien hemm ftehim bejn iż-żewġ naħat tal-Kamra li s-seduta tal-għada tibda fl-4.30 p.m., bil-Mistoqsijiet isiru sal-5.00 p.m. u l-ħin tal-interuzzjoni tax-xogħol ikun fis-7.30 p.m. u għaldaqstant ippropona l-Aġġornament tal-Kamra għal nhar l-Erbgħa, 8 ta' Mejju 2024, fl-4.30 p.m. b'din l-aġenda:

**<u>Mozzjonijiet</u>**

L-Ewwel Qari ta' Abbozz ta' Liġi li jħassar l-Ordinanza dwar il-Lebbrużi u r-Regolamenti dwar il-Lebbrużi

**<u>Ordnijiet tal-Ġurnata</u>**

| | |
|---|---|
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar Kunsill għall-Maltin li Jgħixu Barra minn Malta | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 5) | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 6) | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Ċivili | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Ċivili (Emenda Nru 2) | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi dwar it-Twaqqif ta' Kumitat għar-Rakkomandazzjonijiet ta' Miżuri għall-Ħarsien ta' Ġurnalisti, Persuni oħra b'irwol fil-Midja u Persuni fil-Ħajja Pubblika | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kostituzzjoni ta' Malta | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda Diversi Liġijiet dwar il-Protezzjoni tal-Midja u tal-Ġurnalisti | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi dwar il-Monitoraġġ Elettroniku | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Vjolenza Abbażi ta' Ġeneru u Vjolenza Domestika | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi dwar l-Aġenzija dwar is-Suq tal-Proprjetà | Tieni Qari |

| | |
|---|---|
| Abbozz ta' Liġi li jemenda Liġijiet Varji dwar il-Kirjiet Residenzjali Privati | Tielet Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Patrimonju Kulturali | Tielet Qari |

----

| | |
|---|---|
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Kumpaniji | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Awtorità tal-Innovazzjoni Diġitali ta' Malta | Kumitat Permanenti |

Il-ħin tal-aġġornament ittieħed min-naħa tal-Oppożizzjoni, mill-Onor. Mark Anthony Sammut u l-Onor. Stanley Zammit.

Fis-6.55 p.m. l-Ispeaker avża li l-Kamra ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa, 8 ta' Mejju 2024, fl-4.30 p.m. bl-aġenda kif komunikata mill-Ministru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u Proġetti Strateġiċi.

**ELEANOR SCERRI**
**SKRIVAN TAL-KAMRA**

**KONFERMATI**

**ONOR. ANĠLU FARRUGIA**
**SPEAKER**